Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0018

Is-sejbien ta’ ħtija u l-kundanna imminenti ta’ Jimmy Lai f’Hong Kong

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta’ Jannar 2026 dwar is-sejbien ta’ ħtija u l-kundanna imminenti ta’ Jimmy Lai f’Hong Kong (2026/2573(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Hong Kong u ċ-Ċina,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi fil-15 ta’ Diċembru 2025, il-Qorti ta’ Hong Kong ikkundannat liċ-ċittadin Brittaniku u lill-attivist favur id-demokrazija Jimmy Lai għal kollużjoni ma’ forzi barranin skont il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali (NSL) u sedizzjoni skont l-Ordinanza dwar id-Delitti tal-era kolonjali; billi attwalment qed jiffaċċja sentenza imminenti li tista’ tirriżulta f’għomor il-ħabs;

B. billi Lai ilu detenut minn Diċembru 2020 fuq diversi akkużi politikament motivati; billi qatta’ aktar minn 1 800 jum f’reklużjoni;

C. billi s-sejbien ta’ ħtija ta’ Lai tirrappreżenta eskalazzjoni ulterjuri fiż-żarmar tal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u l-indipendenza ġudizzjarja f’Hong Kong, wara l-impożizzjoni tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali fl-2020 u tal-Ordinanza dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali (SNSO) fl-2024;

D. billi bl-impożizzjoni tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali u l-Ordinanza dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali, iċ-Ċina kisret l-obbligi legali internazzjonali tagħha, li ggarantixxew lil Hong Kong status speċjali sal-2047 skont id-Dikjarazzjoni Konġunta Sino-Brittanika, u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għadu japplika għal Hong Kong;

E. billi Lai, li għandu 78 sena, qed jiffaċċja piena twila ta’ ħabs jew

għomor il-ħabs, minkejja li għandu d-dijabete u bħalissa qed jinżamm f'kundizzjonijiet ta' theddida għall-ħajja;

1. Jikkundanna s-sejbien ta' ħtija ta' Jimmy Lai, bl-aktar mod qawwi, u jesprimi tħassib serju dwar is-sentenza imminenti tiegħu; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' Hong Kong jeħilsu, minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, lil Lai u lill-individwi l-oħra kollha detenuti talli eżerċitaw il-libertajiet tagħhom, inklużi d-drittijiet reliġjużi u demokratiċi, iwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom u jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' Hong Kong jipprovdu aċċess immedjat għal kura medika speċjalizzata lil Lai u lil priġunieri politiċi oħra fil-bżonn;

2. Jenfasizza li l-prosekuzzjoni arbitrarja ta' Lai hija eżempju tal-użu sistematiku tal-liġijiet dwar is-sigurtà tal-istat biex jiġu eliminati l-media indipendenti, il-libertà tal-kelma u l-oppożizzjoni politika f'Hong Kong;

3. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali u l-Ordinanza dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali f'Hong Kong u l-implikazzjonijiet tranżnazzjonali tagħhom; jappella għat-tħassir tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali u l-Ordinanza dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali;

4. Jikkundanna r-repressjoni tranżnazzjonali dejjem akbar mill-awtoritajiet Ċiniżi u ta' Hong Kong kontra ġurnalisti, attivisti u d-dijaspora, inkluż fl-UE; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni maċ-Ċina u ma' Hong Kong u jipprovdu protezzjoni effettiva lill-individwi f'riskju ta' persekuzzjoni politika; jistieden lill-Kummissjoni tibda s-sospensjoni tal-istatus ta' Hong Kong fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

5. Iqis li huwa inaċċettabbli li Lai jintbagħat il-ħabs għal għomru, u li dan jġib miegħu konsegwenzi serji għar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina;

6. Iħeġġeġ lill-Kunsill jirrieżamina l-konklużjonijiet tiegħu tal-2020 dwar Hong Kong u jadotta sanzjonijiet skont ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem kontra l-Kap Eżekuttiv John Lee u l-uffiċjali kollha responsabbli għar-repressjoni tal-libertajiet;

7. Jitlob lid-Delegazzjoni tal-UE tintensifika l-impenn diplomatiku u l-monitoraġġ rigward is-sitwazzjoni ta' Lai u każijiet relatati;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, lir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong.